# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**

**Numru 261 :: FRAR, 2018**

**Editur: Paul Vella**

paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, se tkun l-aħħar Ġimgħa ta' Frar , jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **23 ta' Frar, 2018,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqo naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## IMUT ĦABIB KBIR TAL-GRUPP – JOE GAUCI



Fl-4 ta' Diċembru ħadna l-aħbar kerha tal-mewt tal-ħabib kbir tal-Grupp tagħna, Joe Gauci.

Għalkemm Joe ma kienx membru, huwa dejjem kien ikun lest biex iferraħna bid-daqq tal- kitarra tiegħu flimkien mall-grupp mużikali, magħmul minn Manwel Casha, Alfred Xuereb u Joe Camilleri, kull meta kien ikollna xi ħaġa speċjali bħal Programm Mużiko Letterarju u kull meta niltaqgħu għand il-ħbieb tagħna Frank u Draga Bonett għall-BBQ li norganizzaw kull sena.

Lanqas biss konna nilħqu nistaqsuh li ma kienx jagħmel kuntatt ma' sħabu u jibdew il-kunċerti.

Il-mara tiegħu Laura qaltli li anki meta kien marid ħafna kien lest biex jiġi, imma dik id-darba sħabu l-oħra kollha kienu impenjati jew kienu Sydney jew Adelaide.




Żgur li se nħossu t-telfa tiegħu għax kien il-veru ħabib tagħna u dejjem lest biex jgħin bil-qalb.

Jiddispjaċini li ma kellix ċans nikteb dan qabel minħabba li kont qed nistenna ritratt.

Lil martu Laura u l-familja tiegħu, f'isem il-President, il-Kumitat u l-membri kollha tal-Grupp tagħna noffru l-kondoljanzi tagħna għal darb'oħra.

***Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem***

## MIET ANTON AGIUS MUSCAT



Anton Agius Muscat twieled fid-19 ta' April 1931 il-Ħamrun u studja l-Liċeo, is-St Michael's Training College u f'St Mary University College ta' Twickenhan, l-Ingilterra. Fl-1950 beda jgħallem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Fl-1960 laħaq assistent kap u fl-1970 inħatar Kap ta' skola. Irtira mis-servizz fl-1992.

Ħadem fi ħdan il-Moviment tal-Malti u l-Għaqda Letterarja Maltija. Ħa ħsieb jippreżenta diversi programmi letterarji fiż-żewġ għaqdiet.

Laqgħuh membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum l-Akkademja tal-Malti) fl-1960. Għal snin twal ħadem fil-kunsill kemm bħala Segretarju Relazzjonijiet Pubbliċi kif ukoll bħala Teżorier u Viċi President.

F'isem L-Akkademja tal-Malti organizza u mexxa erbatax-il programm televiżiv fl-1980/81 bl-isem Ħarsa mill-Qrib, li fihom it-telespettatur iltaqa' ma' kittieba anzjani.

Fl-1982 Karmenu Vassallo ddeskrivieh bħala "kontributur ħawtiel u lieżem fil-qasam ġurnalistiku Malti, b'ħemel ta' kitba bl-Ingliż u bil-Malti ta' qatgħa u xejra kulturali/edukattiva/soċjali".

# TAN-NANNA ĦELU MANNA

Programm kulturali bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Doris Zammit

Radju Marija ( Jannar-Marzu 2018)

Kull nhar ta' Erbgħa bejn Jannar u Marzu, live bejn is-1.30pm u t-3.00pm Radju Marija qed ixandar sensiela ta' programmi kulturali u edukattivi li fl-istess ħin huma ta' divertiment għall-familja kollha.

L-iskop ewlieni ta' dawn il-programmi huwa li jwassal lis-semmiegħa tagħrif dwar prodotti Maltin u Għawdxin li tipproduċi l-industrija Maltija kemm għas-suq lokali kif ukoll għal dak barrani. Is-semmiegħa se jsegwu l-proċess ta' kif isir il-prodott sakemm jasal fis-suq u anke fl-aħħar mill-aħħar fi djarna, filwaqt li jingħataw xi riċetti li jinkludu l-istess prodotti li jkunu qed jissemmew waqt il-programmi partikulari.

Barra minn hekk matul dawn il-programmi jingħata wkoll tagħrif dwar xi snajja' li llum jew spiċċaw jew rari nisimgħu bihom.

Il-mużika ma tonqosx u billi dawn il-programmi jittrattaw dak kollu li hu Malti, il-mużika wkoll tkun dik Maltija, anke folkloristika.

Il-programmi se jkunu live u għaldaqstant is-semmiegħa jistgħu jagħmlu kuntatt mal-preżentatriċi u biex jieħdu sehem fil-kompetizzjoni.

# Il-PREŻENZA TAL-ILSIEN MALTI FIL-PROĠETTI KIROGRAFIĊI U SEMJOTIĊI TA' WILLIAM WOLKOWSKI

Taħdita pubblika minn Dr Mario Cassar li saret f'Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta, nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar 2018, fis-6.15 p.m. Il-kirografija hija l-istudju tal-arti tal-kitba bl-idejn bħala għodda espressiva, u li għaldaqstant għandha dimensjoni estetika daqskemm semjotika. William Wolkowski huwa professur Franċiż-Pollakk li ħakem l-arti tal-kirografija u li bħal skriba medjevali jfittex li jagħti kulur, timbru, karattru lil dawk it-testi li jagħżel jinterpreta. Mill-1987 'l hawn espona l-kollezzjonijiet kirografiċi tiegħu fi sbatax-il pajjiż differenti. F'dawn ix-xogħlijiet kultant jitfaċċaw anki kontribuzzjonijiet bil-Malti. Fil-fatt, s'issa, l-ilsien Malti deher f'mhux anqas minn tlettax-il proġett kirografiku minn tiegħu. Fost dawn nistgħu nsemmu l-Ave Maria u l-Pater Noster, kif ukoll kwotazzjonijiet minn Lewis Carroll, Nicolai Gogol, Arthur Rimbaud, Marie Curie, William Shakespeare, Il-Vanġelu ta' San Ġwann, u l-Apokalissi. Dan l-aħħar Wolkowski nieda wkoll proġett interessanti fuq il-poeżija Marjana bil-Malti. L-interpretazzjonijiet kirografiċi ta' dawn il-poeżiji sa jidhru għall-ewwel darba appuntu waqt din it-taħdita. Sa jidhru wkoll għall-ewwel darba tliet interpretazzjonijiet tal-famuża Ode to Joy ta' Schiller bil-Malti.

## Frar

Hekk jgħid il-proverbju Malti
Li Frar ifawwar il-bjar.
F'dax-xahar tagħmel ħafna xita,
U kulħadd joqgħod id-dar.

Billi Frar hu tal-gandlora
Kienu jitqassmu x-xemgħat.
Fl-imgħoddi kienet did-drawwa.
Illum ma jaf biha ħadd.

Fl-għaxra ta' Frar aħna nfakkru
Lill-Kbir Missierna San Pawl,
Dak li ħabat ma' gżiritna,
U tal-fidi wriena d-dawl.

Eżatt erbat ijiem wara
Jkun il-jum tal-maħbubin.
Xi bewsa jew warda ħamra
Aħna nagħtu lil xulxin.

Kulħadd ikun qed jistenna
Il-ġranet tal-Karnival,
Biex jitbellhu kemm jifilħu
Bil-kostumi l-kbar u t-tfal.

U xi prinjolata nieklu,
U ftit perlini tajbin
Għax kif ir-Randan jitfaċċa
Mill-ħelu nkunu neqsin.

Avolja kiefer bil-bosta,
Għandu dawn il-festi sbieħ.
Iżd'għandu wkoll id-dwiefer
Għax wisq bard u xita fih.

***Charmaine Tanti, Mosta***

## *X'Jiktbulna...*

Grazzi bħal dejjem Paul. Dan kumpass fuq id-dinja Maltija tal-letteratura. Qed tagħmel ħafna ġid. Grazzi u sliem.

***Sergio Grech***

Għażiż Paul, Nirringrazzjak ferm tal-folju letterarju li għoġbok tibgħatli. Tassew ħadt gost naqrah u għoġbitni ħafna l-poeżija ta' Carmel Cauchi dwar il-Milied. Nifirħilkom tal-ħidma tagħkom u nawguralkom, minn qalbi, sena mimlija barka, risq, hena u fuq kollox, saħħa. Inselli ħafna għalikom ilkoll,

***Charmaine Tanti***

Għażiż Paul, kemm nifraħ meta ninduna li wasalli l-Folju tal-Grupp Letteratura tal-Victoria! L-aktar ħaġa li tpaxxini hija li nħoss ħolqa ħajja bejnietna l-Maltin ta' Malta u dawk ħutna imxerrdin mal-erbat irjieħ tad-dinja. Inħossni tant fil-qrib magħkom għalkemm hawn eluf ta' kilometri li jifirduna. U dejjem tagħrif interessanti u siewi. Bravu Paul u grazzi. Tislijiet

***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Grazzi tassew għall-pdf tal-folju tagħkom. Apprezzat ħafna. It-tagħrif li jkun fih tassew interessanti. Jiena wkoll nibgħat ix-xewqat tajba tiegħi għas-sena l-ġdida, lilek, lill-familja tiegħek u lill-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Tislijiet,

***Prof. Rena Balzan***

Għażiż Paul, Is-Sena t-Tajba. Niżżikħajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria –Jannar 2018. Tagħrif utieq bil-bosta, xogħlijiet letterarji ta' valur, kummenti, aħbarijiet, artikli li jibqgħu jagħnu lil dan il-folju ta' ġieħ. B'imħabba:

***Mario Griscti***

## Utopja

Irrid ninnamra miegħek poeżija
u ġejja niltaqa' miegħek fl-istess post,
għax naf li tkun hemm dejjem tistennieni
mħabbtek eskursjoni li ttini gost.

Tneħħili s-solitudni li tifnini
ta' soċjetà li twarrab u teskludi
li warrbet kull moral u tidħak bija
jekk ifettili fuq valur nalludi.

Int tiegħi l-alpinista li twassalni
f'quċċata ta' muntanja wisq glorjuża
terfagħni int mill-ħondoq u tqanqalni.

Imħabbtek u mħabbti għana tiegħi
ssiġġilati f'patt li jibqa' għal dejjem
u da' n-namur kien twieled u jmut
miegħi.

***Amanda Busuttil, 28.08.2017***